



Brussell, 19 ta' Jannar 2021
(OR. en)

5322/21

LIMITE

COPS 14
POLMIL 5
EUMC 6
CFSP/PESC 27
CSDP/PSDC 10
COAFR 15

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill li jniedu l-każ pilota tal-kunċett ta' Preżenzi Marittimi Koordinati fil-Golf tal-Guinea

1. Fil-15 ta' Jannar 2021, il-Grupp Politiku/Militari (PMG) laħaq qbil dwar l-abbozz ta' *Konklużjonijiet tal-Kunsill li jniedu l-każ pilota tal-kunċett ta' Preżenzi Marittimi Koordinati fil-Golf tal-Guinea.*
2. Fid-19 ta' Jannar 2021, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) qabel dwar l-abbozz ta' *Konklużjonijiet tal-Kunsill*, bil-ħsieb li jgħaddihom lill-Kunsill għall-approvazzjoni, permezz tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (COREPER).
3. Il-COREPER huwa għaldaqstant mistieden japprova l-abbozz ta' *Konklużjonijiet tal-Kunsill* kif jinsabu fl-anness u jippreżentahom lill-Kunsill għall-adozzjoni.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL LI JNIEDU L-KAŻ PILOTA
TAL-KUNĊETT TA' PREŻENZI MARITTIMI KOORDINATI FIL-GOLF TAL-GUINEA**

1. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza strateġika tar-reġjun tal-Golf tal-Guinea u jafferma mill-ġdid id-determinazzjoni li ilu juri li jappoġġa lill-Istati tal-Afrika tal-Punent u tal-Afrika Ċentrali fl-isforzi tagħhom biex jindirizzaw il-ħafna sfidi għas-sigurtà marittima, inkluż il-kriminalità organizzata.
2. B'mod partikolari, l-Istati tal-Afrika tal-Punent u tal-Afrika Ċentrali, li għandhom ir-responsabbiltà primarja għall-ġlieda kontra l-kriminalità marittima fir-reġjun, diġà hađu impenji politiċi f'Ġunju 2013 fil-"Kodiċi ta' Kondotta dwar it-trażżin tal-piraterija, is-serq bl-użu tal-armi kontra l-bastimenti, u l-attività marittima illeċita fl-Afrika tal-Punent u l-Afrika Ċentrali". Dawn l-impenji kienu kruċjali fl-istabbiliment progressiv tal-Arkitettura ta' Yaoundé biex jittejjbu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni dwar is-sigurtà marittima.
3. Madankollu, il-Golf tal-Guinea għadu jiffaċċja ambjent diffiċli li fih il-piraterija, is-serq bl-użu tal-armi fuq il-baħar, il-ħtif ta' baħħara, is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU), il-kuntribandu u t-traffikar ta' drogi u armi, kif ukoll il-kriminalità organizzata tranżnazzjonali joħlqu theddida kbira u dejjem akbar għas-sigurtà marittima, li taffettwa l-libertà ta' navigazzjoni, u b'hekk tipperikola rotot kummerċjali ewlenin, tipperikola l-iżvilupp sostenibbli tar-reġjun kollu u l-ġhajxien ekonomiku tal-popolazzjoni, u twassal għad-deterjorament tal-ambjent u tal-bijodiversità.
4. F'dan il-kuntest, l-UE hija impenjata li żżid il-ħidma mal-Istati kostali tal-Golf tal-Guinea u l-organizzazzjonijiet tal-Arkitettura ta' Yaoundé, permezz ta' involviment operazzjonali Ewropew akbar, inkluż billi jiġu żgurati l-kontinwità, ir-reattività, il-komplementarjetà u s-sinerġija bejn l-azzjonijiet tal-Istati Membri f'dan il-qasam strateġiku, b'kont meħud ukoll tal-kooperazzjoni mal-industrija marittima.

5. Filwaqt li jfakkar kemm fl-Istrateġija tal-UE dwar is-Sigurtà Marittima u l-Pjan ta' Azzjoni relatat, kif ukoll fl-Istrateġija tal-UE dwar il-Golf tal-Guinea u l-Pjan ta' Azzjoni relatat tagħha, wara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2020, il-Kunsill b'dan iniedi l-każ pilota tal-kunċett ta' Preżenzi Marittimi Koordinati (CMP) fil-Golf tal-Guinea. Filwaqt li huwa distint mill-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, il-każ pilota ta' din l-inizjattiva l-għdida tal-UE, li jirrifletti r-rwol dejjem akbar tal-Unjoni bħala fornitur tas-sigurtà marittima, jista' jipprovdi kontribut sostanzjali biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-sigurtà fil-Golf tal-Guinea.

F'dan ir-rigward, il-każ pilota tas-CMP għandu jippermetti lill-UE:

- issaħħaħ il-viżibbiltà tal-preżenza marittima tal-UE u tappoġġa l-oġettivi strateġiċi u politiċi tal-Unjoni, inkluż il-prevenzjoni tal-kunflitti, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab internazzjonali u reġjonali;
- tippromwovi l-kooperazzjoni internazzjonali fuq il-baħar, f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-UNCLOS b'mod partikolari, u l-iskambju ta' informazzjoni fil-qasam tas-sigurtà marittima f'oqsma speċifiċi;
- tużah bħala għodda marittima prammatika bħala parti mill-Approċċ Integrat tal-UE.

6. F'dan il-qafas, il-Kunsill:

- jistabbilixxi l-Golf tal-Guinea bħala Żona ta' Interess Marittimu (MAI) u jilqa' l-istabbiliment ta' Ċellula ta' Koordinazzjoni ta' Żoni ta' Interess Marittimu (MAICC);
- jirrikonoxxi l-importanza li l-Istati Membri jkomplu jtejbju l-koordinazzjoni tal-azzjonijiet imwettqa mill-assi tagħhom użati fiż-Żona ta' Interess Marittimu taħt il-kmand nazzjonali, fuq bażi volontarja. Il-Kunsill ser jiżgura l-kontroll politiku u jipprovdi gwida strateġika dwar l-implimentazzjoni tal-każ pilota tas-CMP;
- jenfasizza l-importanza li tissaħħaħ il-kondiviżjoni volontarja ta' informazzjoni dwar is-sigurtà marittima fost l-Istati Membri u s-sħab fil-każ pilota tas-CMP jekk u meta jitqies xieraq biex tittejjeb is-sensibilizzazzjoni dwar il-qasam marittimu fiż-Żona ta' Interess Marittimu;
- abbażi tat-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tal-kunċett tas-CMP, il-Kunsill ser jeżamina l-possibbiltà li japplika dan il-kunċett f'oqsma marittimi oħra ta' interess għall-UE;
- ser jerġa' lura għall-implimentazzjoni tal-każ pilota tal-kunċett tas-CMP fil-Golf tal-Guinea sa Jannar 2022.

7. Il-Kunsill jistenna b'interess il-kooperazzjoni mill-qrib kontinwa mal-Istati tal-Afrika tal-Punent u tal-Afrika Ċentrali, u l-organizzazzjonijiet tal-Arkitettura ta' Yaoundé biex imexxu 'l quddiem din il-ħidma.
-